

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/223**tal-15 ta' Frar 2018****li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 dwar ċerti miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 tad-19 ta' Frar 2004 dwar ċerti miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(b) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 314/2004 jelenka l-persuni u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/101/PESK ⁽²⁾, tidentifika l-persuni fiżiċi u ġuridiċi li għalihom japplikaw ir-restrizzjonijiet kif previst fl-Artikolu 5 ta' din id-Deċiżjoni, u r-Regolament (KE) Nru 314/2004 idaħħal fis-seħħ din id-Deċiżjoni sal-punt li l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tkun meħtieġa.
- (3) Fil-15 ta' Frar 2018, il-Kunsill iddeċieda li jaġġorna l-entrata għal persuna waħda fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/101/PESK li jelenka l-persuni u l-entitajiet li għalihom għandhom japplikaw ir-restrizzjonijiet. Din il-persuna ddeżinjata ġiet identifikata mill-Kunsill bħala l-eks President taż-Żimbabwe, responsabbli għal attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
- (4) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 314/2004 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 314/2004 huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Frar 2018.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,**Il-Kap tas-Servizz għall-Politika Barranija Strumenti*⁽¹⁾ ĠUL 55, 24.2.2004, p. 1.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/101/PESK tal-15 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe (ĠU L 42, 16.2.2011, p. 6).

ANNEX

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 314/2004 huwa emendat kif ġej:

L-entrata tal-persuna fiżika li ġejja taħt l-intestatura "I. **Persuni**":

Isem (u kull psewdonimu)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni
"(1) Mugabe, Robert Gabriel	President, imwielew fil-21.2.1924; Passaport AD001095	Kap tal-Gvern u responsabbli għal attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt."

tinbidel b'dan li ġej:

Isem (u kull psewdonimu)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni
"(1) Mugabe, Robert Gabriel	imwielew fil-21.2.1924; Passaport AD001095	Kap tal-Gvern u responsabbli għal attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt."